MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' April, 2017

Rikors Maħluf Numru 67/16LM

**Charmaine Muscat (K.I. 371073M)**

***vs.***

**Continental Cars Limited (C 2840)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-attriċi **Charmaine Muscat** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), li ġie ppreżentat fis-26 ta' Jannar, 2016, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponenti xtrat vettura mingħand is-soċjetà intimata ta' għamla Volkswagen VW Sirocco li għandha numru ta' reġistrazzjoni CHM 818 u dan versu l-prezz ta' tnejn u tletin elf Euro (€32,000), liema bejgħ sar fis-sena elfejn u disgħa (2009);*

2. *Illi kien biss ftit żmien wara, meta l-istess vettura kienet għadha koperta mill-garanzija li bdiet tinxtegħlilha EPC bulb, u għaldaqstant f'Jannar tal-elfejn u ħdax (2011), l-esponenti kellha teħodha sabiex tiġi eżaminata mis-soċjetà intimata;*

3. *Illi s-soċjetà Continental Cars Ltd., meta kien sar dan l-istħarriġ, kienu ddikjaraw li ma kien hemm xejn irregolari u kien biss meta skadiet il-garanzija proprja f'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li kien ġie konkluż li tali vettura kellha ħsarat fil-magna. F'dan il-perjodu, l-istess bozza reġgħet bdiet tixgħel b'konsegwenza li karozza ta' biss 36,000 mil bdiet saħansitra anki titriegħed meta tkun wieqfa;*

4. *Illi meta l-esponenti ħadet tali vettura għand il-mekkanik, dan tal-aħħar kien stqarr li l-problema kienet tidher ġejja mill-kumpressur tal-magna, filwaqt li tenna li vetturi tal-istess mudell kienu kolpiti bl-istess problema li saħansitra kellha tiġi mibdula l-magna sħiħa;*

5. *Illi oltre minn hekk, il-fatt li meta kienet għadha taħt il-garanzija l-istess vettura kienet diġà nxtegħlitilha l-EPC bulb jelimina kull possibilità li din il-karozza kellha 'zero defects';*

6. *Illi madankollu, is-soċjetà konvenuta Continental Cars baqgħet tinsisti mal-esponenti li tali vettura ma kellhiex problema, u saħansitra ċaħdu l-fatt li fir-rigward ta' din l-istess magna kien hemm recall mingħand diversi persuni;*

7. *Illi kien biss meta l-esponenti kitbet lill-Volkswagen tal-Ġermanja, meta dawn ikkonfermaw li tali bozza setgħet tikkorrispondi għall-difett fil-magna, u fuq rakkomandazzjoni u insistenza tal-istess li s-soċjetà intimata aċċettat li tagħmel investigazzjoni fuq il-magna fejn din id-darba rriżulta li l-vettura għandha difett;*

8. *Illi l-vettura inkwistjoni hi kolpita minn difetti moħbija u serji liema difetti ma setgħux jiġu skoperti qabel, tant hu hekk li lanqas is-soċjetà konvenuta inifisha ma kienet indunat bihom iżda rriżultaw biss wara li saru l-investigazzjonijiet neċessarji fuq l-insistenza tas-soċjetà estera Ġermaniża;*

9. *Illi fil-każ in eżami, huwa ampju li d-difett li qed issofri minnu l-vettura hu wieħed sostanzjali u saħansitra latenti, u għalhekk għandu ikun hemm it-tnaqqis mill-prezz tal-vettura oriġinali, liema tnaqqis għandu tal-inqas ikopri l-ispejjeż kollha sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji fuq tali vettura.*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjetà konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni oħra rikjesta mill-liġi, m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-vettura mixtrija mill-attriċi kienet kolpita b'difetti moħbija u serji liema difetti ma setgħux jiġu skoperti qabel u liema difetti jrendu l-ħaġa mibjugħa mhux tajba għall-użu li għaliha hi maħsuba u li inoltre jnaqqsu mill-valur tagħha illi l-attriċi ma kenitx tixtriha jew kienet toffri prezz inqas li kieku kienet taf bihom u dan bl-opera ta' periti nominandi;*

2. *Konsegwentement, tikkundanna lis-soċjetà attriċi, tirrifondi lura parti mill-prezz imħallas li għandu tal-inqas ikopri l-ispejjeż kollha neċessarji sabiex isiru tali tiswijiet, liema somma tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u f'dan il-każ tal-vizzji okkulti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li hi minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħluf tas-soċjetà konvenuta **Continental Cars Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ppreżentata fl-1 ta' Marzu, 2016 u maħlufa minn Ian Attard għan-nom tal-istess soċjetà konvenuta, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament qed jiġi eċċepit illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fit-tieni lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet li ser jiġu ttrattati waqt is-smigħ tal-kawża.*
3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016, fejn il-partijiet qablu li qabel kull ħaġa oħra għandha tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, li l-azzjoni attriċi hija preskritta abbażi tal-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk il-Qorti invertiet l-ordni tal-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti semgħet it-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat:**

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar vettura Volkswagon VW Sirocco bir-reġistrazzjoni CHM 818 li l-attriċi xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta fl-2009. Filwaqt li din il-vettura kienet għadha taħt garanzija, fl-2011, l-attriċi ħadet il-vettura għand is-soċjetà konvenuta minħabba li bdiet tixgħel l-*EPC bulb,* li hi *warning light* li suppost tindika difett fil-magna tal-vettura. Però mit-testijiet li għamlet l-istess soċjetà konvenuta, irriżulta li ma kien hemm ebda difetti fil-magna, għalkemm skont l-attriċi ma kienx sar test fuq il-

kumpressur tal-magna. Sussegwentement, meta allura l-vettura ma kinitx għadha taħt il-garanzija, l-attriċi bdiet tieħu l-vettura għand mekkanik tal-fiduċja tagħha, ċertu Charles Gafà. F'Ottubru, 2014 reġgħet xegħlet l-*EPC bulb* u l-mekkanik informa lill-attriċi li kienet qed tindika ħsara fil-kumpressur minħabba li wieħed mill-erba' *cylinders* kien difettuż. Din il-ħsara kienet tinvolvi spiża konsiderevoli u l-attriċi allegat li tali difett ma setax kien minħabba *wear and tear* ordinarju u dan minħabba il-*low mileage* li kellha l-vettura u wkoll għax saret taf li diversi vetturi tal-istess marka tal-vettura tagħha kellhom *recalls* minħabba difett simili għal dak tal-vettura tagħha. Għalhekk waslet għall-konklużjoni li d-difett kien difett latenti fil-vettura meta xtratha u meta ma waslet imkien mas-soċjetà konvenuta, hija ppreżentat din il-kawża.

L-azzjoni ppreżentata f'dawn il-proċeduri hija l-*actio aestimatorja.* Din hija waħda miż-żewġ azzjonijiet jew rimedji li jagħti l-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè l-azzjoni stimatorja, fejn wieħed iżomm il-ħaġa mixtrija iżda jitlob lura biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti.[1]

Is-soċjetà konvenuta laqgħet għal din l-azzjoni, preliminarjament billi qalet li din l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoè minħabba li ma ħaditx azzjoni fit-terminu ta' sitt xhur minn meta kienet taf b'dan id-difett. Mingħajr preġudizzju wkoll is-soċjetà qiegħda tikkontesta t-talbiet attriċi fil-mertu, però din is-sentenza hija limitata għall-

[1] "Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi '1 quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti."

ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, u f'każ li din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa, il-Qorti ma tkunx tista' tkompli tisma' l-kawża fil-mertu.

Għaldaqstant il-provi li qed jiġu eżaminati mill-Qorti f'dan l-istadju huma dawk relatati prinċipalment ma' din l-eċċezzjoni. Minħabba li din l-eċċezzjoni tqajmet mis-soċjetà konvenuta, fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna[2], li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-prova trid issir mis-soċjetà konvenuta u f'każ ta' dubju dan imur favur l-attriċi.

**<u>Provi u riżultanzi limitati għall-ewwel eċċezzjoni</u>**

Is-*sales manager* tas-soċjetà konvenuta **Ian Attard**, li meta nxtrat il-vettura mill-attriċi kien għadu ma bediex jaħdem mas-soċjetà konvenuta, esebixxa kopja tal-ordni li saret mill-attriċi għall-vettura fil-21 ta' Mejju, 2009[3] u kopja tal-kuntratt li sar fit-2 ta' Ġunju, 2009[4] u ddikjara li l-vettura ġiet reġistrata jumejn wara, fl-4 ta' Ġunju, 2009. Ikkonferma li fit-18 ta' Jannar, 2011 meta l-attriċi daħħlet il-vettura għal wieħed mis-*services,* kellha l-*EPC warning light* jixgħel.[5] Però mid-dokumentazzjoni li kellu x-xhud, irriżulta li ma nstab xejn

---

[2] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995, **Anthony Azzopardi *et. noe vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015, **Theuma *vs.* Mercieca,** Q.A., 20.02.1996, **Fenech Clarke *et vs.* Borg *et.,*** Q.A, 30.05.1997 u **Mizzi *noe vs.* Borg *et,*** P.A., 29. 09.2009.

[3] *A fol.* 19 *et. seq.*

[4] *A fol.* 25.

[5] *Vide fol.* 40 u *fol. 53* - kopja tal-fattura li tgħid: *"Technical – EPC warning light came on some five times in a row but goes off when ignition is turned off again. No faults found."*

ħażin fil-magna.[6] L-aħħar *service* li l-attriċi għamlet għand is-soċjetà konvenuta kien fl-2012, iżda wara ma baqgħetx tieħu l-vettura għand is-soċjetà konvenuta. Madankollu fl-2014 kienet is-soċjetà konvenuta li bagħtet għall-attriċi biex tieħu l-vettura fil-garage tagħha għax għal darb'oħra kellha l-*EPC warning light* jixgħel. Meta s-soċjetà għamlet id-*diagnosis*, irriżulta li s-*cylinder* numru 3 ma kienx qed jaħdem sewwa.[7] Ian Attard jikkonferma li huma kien bagħtu għall-attriċi għax kienet bagħtet ilment mal-Volkswagen il-Ġermanja[8] u dawn irreferewha lis-soċjetà konvenuta biex din tagħmel il-verifiki min-naħa tagħha.

Is-soċjetà konvenuta esebit ukoll kopja tal-atti tal-proċeduri istitwiti mill-attriċi odjerna kontra l-istess soċjetà konvenuta quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Zgħar dwar l-istess mertu fl-ismijiet **Charmaine Galea vs. Continental Cars Limited** (Talba Nru. 170/2015) u deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2015.[9] F'din is-sentenza it-Tribunal spjega li l-attriċi odjerna kienet qed titlob danni biss sal-massimu tal-kompetenza tat-Tribunal, ċjoè ta' €3,494.06, u ċaħdet it-talba stante l-inkompetenza tat-Tribunal *ratione materiae*:

> "ma hemmx dubbju mill-evidenza illi din kienet kwistjoni ta' vizzju okkult ... Illi t-Tribunal iħoss illi f'dan il-każ it-talba hija monka għaliex l-attriċi kellha bilfors tagħmel azzjoni quddiem il-Qorti Ċivili għar-riduzzjoni tal-prezz li kien tnejn u

---

[6] *Diagnosis log* tat-18 ta' Jannar, 2011 *a fol.* 62 sa 65 tal-proċess.

[7] *Diagnosis log* aktar dettaljat tal-10 ta' Diċembru, 2014 *a fol. 55 sa 61* tal-proċess.

[8] *A fol.* 73 sa 80 tal-proċess – sensiela ta' *e-mails* fejn l-attriċi infurmat lill-kumpannija Ġermaniża Volkswagen dwar il-problema tal-*warning lights* fit-2011 u kif wara li spiċċat il-garanzija u peress ma kinitx sodisfatta bis-servizz tas-soċjetà konvenuta, bdiet toħodha għand il-mekkanik tal-fiduċja tagħha u li meta reġa' xegħel il-*warning light* fit-2014 dan il-mekkanik sab illi l-problema kienet fl-*engine compression* (wara biss 55,000 km fuqha). L-attriċi infurmat lill-kumpannija Ġermaniża Volkswagen illi issa s-soċjetà konvenuta qed tinnega illi l-vettura kellha xi ħaġa fil-magna meta kienet għadha taħt il-garanzija u issa biex tivverifika dan qed titlob ħlas. *E-mail* waħda f'din is-sensiela hi tax-xhud lil Chevalier Maurice Mizzi, *Chairman* tas-soċjetà konvenuta fejn qed jinfurmah li wara id-*diagnosis* u *compression test* sabu li *cylinder* numru 3 ma kienx qed jaħdem sewwa u t-tiswija bil-partijiet li jridu jinbidlu kienet tiġi tiswa €2,563 (€1,555 *parts* u €1,008 *labour),* in vista li kienu spiċċaw is-sentejn garanzija li s-soċjetà konvenuta kienet toffri.

[9] Kopja informi *a fol.* 87 sa 97 quddiem il-Ġudikatur Dr. Katja Psaila Savona.

> tletin elf Euro (€32,000). Illi għalhekk joħroġ 'il barra mill-kompetenza tat-Tribunal."

Tqis illi fl-istadju meta kienu ġew istitwiti l-proċeduri quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, l-attriċi kienet diġà allura taf bid-difett okkult u dan hu ta' rilevanza kbira għar-rigward tal-eċċezzjoni preliminari in deżamina. Mill-atti jirriżulta li avviż tat-talba quddiem it-Tribunal li ġġib in-numru 170/2015 ġie ppreżentata fl-10 ta' Marzu, 2015.[10]

Illi in kontroeżami, ix-xhud Ian Attard mistoqsi fuq dak li qal fix-xhieda tiegħu, u ċjoè li wara l-ilmenti tal-attriċi dwar il-problema fil-vettura, huwa xorta ġieli ra din il-vettura fit-triq, biddel kemxejn il-pożizzjoni tiegħu meta qal li kien ra l-vettura tal-attriċi darba biss, meta din kienet ipparkjata fi triq Ħal Qormi. Però din il-parti tax-xhieda ta' Ian Attard, bir-ripensament tiegħu b'kollox, mhija ta' ebda rilevanza għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Illi xehed ukoll **Clive Muscat**, ħu l-attriċi[11], li kkonferma li oħtu xtrat il-karozza fl-2009; il-*warning light* l-ewwel darba li xegħel kien fl-2011, u mis-soċjetà konvenuta kienu qalulha li xegħlet għalxejn; il-*warning light* reġa' xegħel fl-2014 u meta mar magħha għand is-soċjetà konvenuta, dawn kienu rrifjutaw li jinvestigaw il-każ. Dan ix-xhud jgħid illi kien mar m'oħtu anki meta marret għand il-mekkanik Charles Gafà li spjegalhom li meta tixgħel dik il-bozza, jfisser li jkun hemm ħsara fil-magna. Ix-xhud jispjega illi meta reġgħu marru għand is-soċjetà konvenuta, dan ma riedux jinvestigaw ħlief bil-ħlas. In

[10] *A fol.* 126.
[11] Xhieda *a fol.* 94 sa 98 tal-proċess.

kontroeżami jikkonferma li wara ħafna aċċettaw li jinvestigaw mingħajr ħlas, u dan kien għall-ħabta ta' Diċembru 2014.

Illi dan ix-xhud ippreżenta wkoll affidavit[12] fejn kompla jispjega li biex jgħin lil oħtu, kien ikkorrisponda ma' Maurice F. Mizzi il-*Managing Director* ta' Mizzi Organisation li tikkomprendi s-soċjetà konvenuta, fejn hu jgħid li Mizzi kien aċċetta li l-karozza kellha l-ħsara u kien lest li jagħti skont ta' 40% - dan fl-20 ta' Jannar 2016, ftit ġranet qabel ma ġiet intavolata l-kawża u esebixxa *print out* mill-*Facebook a fol.* 155 u 156, li tgħid però testwalment hekk:

> *"I apologize for my tardy reply. I have looked into your wife's complaint.[13] After the guarantee expired the car was never serviced at our station and we therefore are not responsible for any work done by untrained mechanics.*
>
> *However as a gesture and without prejudice Continental Cars are willing to give you a discount of 40% on parts and 20% on labour. This is an exceptional offer and I would be happy if you would take it.*
>
> *I wish you and your family a good beginning to the new year."*

Illi min-naħa tagħha l-attriċi, **Charmaine Muscat**[14] ikkonfermat prattikament dak illi xehed ħuha u żiedet tgħid li l-vettura tagħha meta xtratha kienet l-unika waħda f'Malta. Meta fil-2014 reġa' xegħlet il-bozza tal-*warning light*, kienet marret għand mekkanik ta' fiduċja tagħha, ta' Meli Garage li kellu xogħol mas-soċjetà konvenuta, li qalilha li kien hemm problema simili f'karozzi ta' dan it-tip u ssuġġerilha li minflok jirranġahilha hu, tmur għand is-soċjetà konvenuta biex forsi jirranġawielha b'xejn minħabba li kien difett fil-vettura. L-attriċi qalet[15] li l-ewwel li saret taf li l-vettura tagħha kellha difett

[12] *A fol.* 150.
[13] Fil-fatt qed jagħmel riferiment għal oħt ix-xhud, l-attriċi.
[14] *A fol.* 99 sa 105 u 157 sa 159.
[15] *A fol.* 103 tal-proċess.

serju ma kienx fl-2011, għax dakinhar l-impjegati tas-soċjetà konvenuta kienu serħulha moħħa, iżda fit-2014 meta kien kellimha ta' Meli Garage. L-attriċi tgħid illi kienet ikkomunikat ma' Maurice Mizzi direttament, iżda kien biss wara li kitbet lill-Volkswagen direttament il-Ġermanja, li ftit xhur wara s-soċjetà konvenuta aċċettat li tagħmel investigazzjoni bla ħlas. L-impjegati tas-soċjetà konvenuta kkonfermawlha x'qalulha il-mekkaniks ta' Meli Garage u Charles Gafà li kien hemm ħsara fis-*cylinder* numru 3. L-attriċi tgħid illi s-soċjetà konvenuta qatt ma aċċettat li l-ewwel każ fl-2011 kien konness mat-tieni każ tat-2014, allavolja fiż-żewġ okkażjonijiet kienet xegħlet il-*warning light*. L-attriċi tgħid illi s-soċjetà konvenuta ma aċċettax li ssewwilha minkejja li hija ssostni illi dan kien difett fil-magna kif ħarġet mill-fabbrika u meta *del resto* l-vettura kienet għadha taħt garanzija. L-attriċi tgħid illi s-soċjetà konvenuta offrewlha biss 10% *discount* fuq il-prezz tat-tiswija u sussegwentemet Maurice Mizzi kien offrilha *discount* ta' 40% fuq l-ispiża tat-tiswija. Charmaine Muscat tgħid illi ma aċċettatx din l-offerta u għalhekk fetħet kawża quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Żgħar f'Marzu 2015.

Illi xehed ukoll il-mekkanik **Charles Gafà**[16] li kien jagħmel is-service tal-vettura tal-attriċi, wara li din kienet waqfet teħodha l-garage tas-soċjetà konvenuta. Gafà jgħid illi meta xegħlilha l-*warning light,* għall-ħabta ta' wara s-Sajf tal-2014[17], kien induna li l-karozza ma kinitx stabbli u li kienet qiegħda tvenven u meta l-attriċi qaltlu li l-war*ning light* kien xegħel ukoll fl-2011, hu kkonkluda li kien minn dak iż-żmien li bdiet tinġemgħa l-problema tal-*compression,* għax is-*sensors* li jixgħelu l-*warning lights,* wara li titfi l-magna u terġa' tixgħelha, ma jerġgħux jixgħelu. Però d-difett ikun għadu hemm,

[16] *A fol.* 107 sa 110.
[17] *A fol.* 108 tal-proċess.

sakemm jaggravaha kif għamel f'dan il-każ. Qal li jaf li minħabba din il-problema l-attriċi kellha tħalli l-vettura ggaraxxjatha u ma tkomplix tużaha.

Illi in kontroeżami Charles Gafà[18] jispeċifika li l-vettura tal-attriċi għamlilha *service* tliet darbiet, fis-6 ta' Ottubru, 2014, fl-14 ta' Novembru, 2014 u fl-20 ta' Diċembru, 2014. L-ewwel darba kienet iddaħlet għandu għal *service* però kien diġà nnota d-difett, iżda ma kienx jaf li kien daqshekk gravi. It-tieni darba li daħlet għandu l-vettura tal-attriċi kien induna li l-problema kienet ġejja mill-*compression* u t-tielet darba daħlet għandu għax kienet waqgħatilha l-batterija għax ma kinitx qed tużaha iktar. Ix-xhud ikkonferma li bl-interventi tiegħu xorta kompliet tikber il-problema u jaf li biex tirranġha sewwa trid spiża kbira. Ix-xhud jgħid illi lill-attriċi qatt ma qalilha biex ma tużahiex, però jaf li minħabba dawn il-problemi ma kinitx qed tużaha. Hu spjega wkoll li mid-*diagnosis* li għamel, indikalu li l-*piston* numru 3 kien qed jagħti *compression* baxxa, però biex jara minn fejn kienet gejja l-problema, kien ikollu jiftaħ l-magna kollha.

Illi l-attriċi esebiet id-*diagnosis* li kien diġà ppreżenta s-*sales manager* tas-soċjetà attriċi u kopja tas-sentenza tat-Tribunal (li kienet diġà esebita mis-soċjetà konvenuta), kif ukoll kopja tal-Avviż li ppreżentat quddiem it-Tribunal.[19] Minn din il-kopja, li tidher li mhix kompleta, jirriżulta li dik il-kawża kienet ġiet ippreżentata fl-10 ta' Marzu, 2015, fejn jirriżulta wkoll illi l-premessi ta' dik it-talba għall-inqas fil-parti tal-Avviż li ġiet ippreżentata, kienu l-istess premessi fir-Rikors Maħluf fil-proċedura odjerna.

[18] *A fol.* 135 sa 143.
[19] *A fol.* 126 sa 128 tal-proċess.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-artikolu 1431 tal-Kap. 16 jispeċifika fl-ewwel żewġ paragrafi tiegħu:

> "(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.
>
> (2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."

Illi jibda biex jingħad li skont ġurisprudenza kostanti, l-preskrizzjoni imsemmija fl-artikolu 1431 hi in realtà waħda ta' dekadenza u ma tistax tiġi interrotta la bi protest ġudizzjarju jew b'ittra uffiċjali u bl-ebda att ġudizzjarju ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Odette Grixti *et vs.* Mario Rodgers *et.***[20] jingħad:

> "Fit-tieni lok jridu jiġu esaminati l-implikazzjonijiet tat-terminu li trid il-liġi għall-preżentata tal-azzjoni estimatorja. Dan it-terminu jista' jiġi interrott? Dan hu terminu ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza? Minn meta jibda jiddekorri dan l-istess terminu?
>
> *...Omissis...*
>
> Dwar il-kwistjoni tat-terminu ta' dekadenza ta' sena mid-data tal-kuntratt biex titressaq l-azzjoni in eżami, dan it-terminu jiddekorri skond l-Artikolu 1407(2) tal-Kap 16, kontra persuni assenti, interdetti u minuri. Dan ifisser illi huwa perjodu ta' dekadenza u mhux preskrizzjoni, hekk kif intqal fil-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Carmelo Dimech *vs.* Francis Xuereb *et.***[21] għandu

[20] P.A. datata 6 ta' Frar 2015.

[21] Konfermata fl-Appell - App.S. **Carmelo Dimech *vs.* Francis Xuereb** deċiza 15 Diċembru, 1997 (Vol.LXXI.II.968).

jiġi rrilevat li ż-żmien biex jaġixxi x-xerrej huwa kkunsidrat wieħed ta' dekadenza, u kwindi, ma jistax jiġi interrott u l-azzjoni trid tiġi intavolata fil-każ ta' immobbli, bħal ma hu l-każ odjern, fi żmien sena mill-kuntratt, iżda fejn id-difett ikun tali li x-xerrej ma jistax jinduna bih, it-terminu jibda jgħaddi minn dakinhar li kien possibbli għalih li jiskopri d-difett.... *omissis....* Il-liġi tesiġi dan għax għandha kull interess li tassigura kemm jista' jkun malajr iċ-ċertezza tar-rabta kuntrattwali li ma għandhiex titħalla sospiża meta javveraw ruħhom ċirkostanzi li jpoġġuha fid-dubju sal-punt li l-kunsens kuntrattwali jista' jiġi għal kollox jew in parti infiċċjat. Hu għalhekk illi t-termini fl-*actio redhibitoria* u *estimatorja* huma relattivament qosra u huma kkonsidrati bil-ġurisprudenza bħala termini ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni nonostante d-diċitura tad-dispożizzjoni relattiva tal-Kodiċi Ċivili."

Illi fl-istess kawża fi stadju tal-appell kien ġie deċiż illi:

"Il-perjodi ta' dekadenza imposti fl-artikolu preċitat, huma fl-interess taċ-ċertezza tar-rabta kuntrattwali, u dan għandu jibda jiddekorri mhux neċessarjament mill-mument li x-xerrej ikun sar jaf bl-eżistenza tad-difett jew tal-gravità tiegħu, iżda minn meta d-difett li jimmanifesta ruħhu jkun tali li jqanqal f'persuna raġjonevoli dubju fil-kwalità tal-oġġett mixtri li kellu normalment iwassal għal suspett fondat illi l-kostruzzjoni kienet affetta minn mankament ta' ċertu gravità li jagħti lok għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ jew għal tnaqqis fil-prezz imħallas."[22]

Illi fil-kawża odjerna anki jekk wieħed jieħu d-data meta finalment, anki jekk sfortunatament għall-attriċi f'sede żbaljata, ġiet istitwita l-proċedura quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar, fl-10 ta' Marzu, 2015, bħala d-data meta li l-attriċi żgur saret taf li effettivament kien hemm, skont hi, difett moħbi gravi fil-vettura tagħha[23], sakemm eventwalment fetħet il-proċeduri quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2016, għaddew ferm iktar mit-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur.

---

[22] *Ibid.*
[23] Mill-provi fuq eżaminati, id-data meta l-attriċi saret taf b'dan, kienet ċertament qabel.

Illi l-attriċi kienet żbaljata meta fit-trattazzjoni finali sostniet illi minn wara s-sentenza tat-Tribunal reġa' beda jgħodd il-perjodu ta' sitt xhur, għax l-ewwel nett għaddew aktar minn sitt xhur mis-sentenza tat-Tribunal (24 ta' Ġunju, 2015) għal meta eventwalment ġiet ippreżentata l-kawża odjerna u inoltre għax kif ingħad, il-perjodu inkwistjoni huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni u għalhekk is-sitt xhur ma reġgħux bdew jiddekorru.

Tqis illi l-attriċi mhijiex korretta meta tgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li jista' jsir riferiment b'analoġija għall-insenjament li joħroġ mis-sentenza fl-ismijiet **Tabib Dottor Geoffrey Dalli *vs.* Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku**[24], għar-rigward ta' meta għandu jibda jgħodd il-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur fil-kawża odjerna ma' dak li ngħad fir-rigward tal-perjodu ta' dekadenza wkoll ta' sitt xhur però ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12:

> "Illi, fit-tielet lok, mill-istess xhieda mismugħa ħareġ li "d-deċiżjoni finali" jew "l-aħħar deċiżjoni" tal-KSP ittieħdet fil-komunikazzjoni mibgħuta minnha lill-attur fid-9 ta' April, 2014. Jekk inhu hekk, allura ż-żmien utli biex huwa jfittex ir-rimedju tiegħu beda għaddej minn dakinhar u mhux qabel. Kien f'dak il-waqt li l-KSP qalet l-aħħar kelma dwar id-deċiżjoni tagħha fuq l-ilment tal-attur. Il-fatt li l-aħħar kelma tenniet il-kelma u l-fehma ta' qabel ma jfissirx li sa dak il-ħin ma kenitx għadha miftuħa biex tibdel dik il-fehma jew dik id-deċiżjoni. Kien f'dak il-waqt ukoll li l-attur sar jaf x'kien ġara mill-ilment tiegħu u seta' jara kif sejjer jirregola ruħu.
>
> Illi għalhekk, minħabba li l-attur fetaħ il-kawża sewwasew ftit qabel ma għaddew is-sitt xhur mogħtija lilu mil-liġi, l-Qorti ma ssibx li l-eċċezzjoni preliminari hija mistħoqqa u mhijiex sejra tilqagħha."

[24] P.A.,22.04.2015.

Illi l-attriċi tittenta testendi b'analoġija dan ir-raġunament għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna fejn kienu għaddejin sa ftit ġranet qabel ma ġiet intavolata din il-kawża f'Jannar, 2016 diskussjonijiet bejn ħu l-attriċi għan-nom tagħha u Maurice Mizzi għan-nom tas-soċjetà konvenuta.

Tqis illi din l-analoġija li ttentat tagħmel l-attriċi assolutament ma treġix u hija żbaljata fid-dritt stante li fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 deċiżjoni amministrattiva tista' tiġi jikkontesta meta din tkun waħda finali u f'dak il-każ is-sitt xhur jibdew jiddekorru minn dik id-data.

Tqis illi l-unika analoġija li tista' ssir bejn l-artikolu 469A tal-Kap. 12 mal-artikolu 1431 tal-Kap. 16 hija li fil-każ ta' difett latenti, il-perjodu ta' dekadenza jibda jiddekorri minn meta dak id-difett seta' jkun magħruf mill-attriċi u hemm tieqaf l-analogija. Fil-każ ta' difett latenti, differentement mill-każ ta' deċiżjoni finali amministrattiva, is-sitt xhur jiddekorru indipendentement mill-pożizzjoni li tieħu jew ma tieħux il-kontroparti fit-trattativi bejn il-partijiet, sakemm ma jkunx hemm rikonoxximent ċar tal-vizzju mill-bejjiegħ.

Illi l-kliem tal-messaġġ li bagħat Maurice Mizzi lil ħu l-attriċi fuq il-*Facebook,* qatt ma seta' jitqies bħala ammissjoni tal-eżistenza tal-vizzju jew bħala rikonoxximent tar-responsabbiltà għall-vizzju, iżda biss bħala konċessjoni bla preġudizzju biex jipprova jżomm klijenta tiegħu kuntenta u ma jkunx hemm pubbliċità avversa fuq *Facebook.* Is-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma rrikonoxxiet ir-responsabilità għall-allegat difett fil-karozza mibjugħa. Barra minn hekk l-attriċi ma tistax tiskaġuna ruħha billi tghid li hija ma pproċeditx

bl-azzjoni entro t-terminu ta' dekadenza għax il-konvenut kien qiegħed jagħmlilha offerti ta' transazzjoni.

Illi skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna la d-denunzja tad-difett lill-bejjiegħ u lanqas it-trattattivi bejn il-partijiet waqt id-dekorrenza tal-perjodu ta' dekadenza ma jiswew biex iżommu l-azzjoni ħajja. L-azzjoni tibqa' ħajja biss jekk din issir entro l-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur li jibdew jgħoddu minn meta l-attriċi issir taf jew kellha raġjonevolment tkun taf b'dak id-difett moħbi.

Tqis dak li ġie deċiż f'każ kważi identiku għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Ann Gurcio *vs.* UCIM Co. Ltd.**[25]:

> "Fuq il-punt il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna tinsisti illi "d-denunzja tal-vizzju lill-venditur, anke uffiċċjalment, ma tiswiex biex iżżomm l-azzjoni" (**Joseph Tanti Palmier *vs*. Joseph Runza Mifsud *nomine***, Qorti tal-Kummerċ, 25 ta' Novembru, 1960). B'egwal mod ingħad fil-każ ta' trattattivi bejn il-partijiet waqt id-dekorrenza taż-żmien, ammenokke l-venditur ma jkunx spiċċa bħala effett u fil-kors tal-istess trattattivi rrikonoxxa u ammetta l-eżistenza tal-vizzju jew ma kkuntrastax l-eżistenza tiegħu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723** u **Vol. XLIV P III p 776**). Fil-każ preżenti dan ir-rikonoxximent ma jeżistix u mhux suffragat minn ebda kondotta proċesswali tas-soċjetà appellanti jew mill-ittri tagħha pre-proċesswali. Irid jingħad, imbagħad, illi kuntrarjament għal dak ritenut mit-Tribunal l-ebda ripar ma sar mis-soċjetà appellanti fir-rigward tal-vizzju fl-i*steering wheel*;
>
> Huwa veru li s-soċjetà appellanti offriet lill-attriċi riduzzjoni ta' ħmistax fil-mija fuq il-prezz ta' l-i*steering wheel* u l-kost tax-xogħol, iżda, kif jinsab ukoll ritenut, "l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma għandhomx l-effikaċja li jinterrompu l-preskrizzjoni jew l-effikaċja tar-rikonoxximent tad-dejn għaliex proposti simili jsiru mingħajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti" (**Neg. Carmelo Chetcuti *et. vs.* Neg. Costantino Balzan *et.***, Appell Kummerċjali, 3 ta'

[25] Qorti Appell (Sede Inferjuri) *per* l-Onor. Imħallef Philip Sciberras.

Frar, 1950). *Del resto*, kif jingħad fl-ittra tal-kumpannija appellanti tat-12 ta' Jannar, 2007 dik l-offerta tagħha kienet qed issir bħala ġest ta' *bona volontà* u b'rieda tajba lejn il-klijenta u mhux għax kienet b'xi mod irrikonoxxiet ir-responsabilità għad-difett riskontrat fil-karozza mibjugħa. Ara f'dan l-istess sens is-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Buttigieg *vs.* Eucharistico Zammit *et. nomine***, Appell, 7 ta' Ottubru, 1997;"

Tqis ukoll dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Ferriggi *vs.* Gasan Enterprises Limited**[26]:

"Illi fis-sentenza **Darmanin *vs.* Spiteri Debono** (Q. Kumm - 25 ta' Frar, 1930) il-Qorti rritieniet hekk: "Illi l-attriċi ma tistax tiskaġuna ruħha billi tghid li hija ma pproċedietx għax il-konvenut kien qieghed jagħmlilha offerti ta' transazzjoni. Dan hu veru, imma hu anki veru li t-terminu ta' xahar (illum sitt xhur) fuq imsemmi ma hux terminu ta' preskrizzjoni, iżda ta' dekadenza." (Ara wkoll **Schembri *vs.* Gatt** - Qorti tal-Kummerċ, 5 ta' Novembru, 1926; **Emmanuele Camilleri *noe* *vs.* Anthony Calascione *noe*** - Qorti tal-Kummerċ, 29 ta' Ottubru, 1954.)

Fil-każ **Edward Fenech *vs.* Gaetano Spiteri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju, 1990 ġie ribadit li "It-terminu ta' sena biex ix-xerrej ikun jista' iġib 'il quddiem l-azzjoni tiegħu jibda jiddekorri minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett. Dan it-terminu huwa terminu ta' dekadenza u għalhekk hu perentorju."

Għall-kompletezza din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *et vs.* Louis Muscat**[27], li tikkonferma li:

"Il-preskrizzjoni taħt l-Art. 1431 tal-Kodiċi Ċivili għandha min-natura ta' dekadenza, li jfisser illi ma tinkisirx iżda għandha ssir l-azzjoni qabel ..... ."[28]

[26] P.A., 09.07.2015.
[27] Qorti Appell (Superjuri) 01.02.2008.
[28] Vide ukoll is-segwenti sentenzi tal-prim' istanza fl-ismijiet **Francis Felice *vs.* Anthony Pisani,** 18.04.13, **Pierre Ciantar *vs.* Mario Xuereb *noe et***, 12.12.2001, **Sergio Sciberras *vs.* Burmarrad Commercials Ltd.,** 15.01.2013 u **J & M Aluminium Ltd. *vs.* Siar Property Investments Ltd. *et.***, 28.02.2017, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri) **John Vella Laurenti *vs.* Michael Refalo *et.,*** 20.10.15 u tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Pizzuto *vs.* Refalo,** Vol. XX.I.316, **Ruggier *vs.* German,** Vol. XXX.I.337, **Arrigo *vs.* Falzon,** Vol. XXXII.I.580, **Carmelo Dimech *vs.* Francis Xuereb,** 15.12.97, **Carmelo Busuttil *vs.***

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tiddikjara l-azzjoni attriċi estinta ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili u b'hekk tiddikjara magħluqa l-kontroversja bejn il-partijiet, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attriċi.**

Moqrija.

---

**Eucharist Zammit,** 07.10.97, kif ukoll għad-diversi sentenzi imsemmijin f'dawn l-istess sentenzi, li kollha jikkonkordaw li l-perjodu hu wieħed ta' dekadenza *nonostante* id-diċitura użata fl-artikolu 1431 tal-Kap. 16 fejn tissemma 'preskrizzjoni'.